@MaltaGov

miżuri għan-nies
vulnerabbli

# FACT SHEET

## X'inhi l-miżura?

Nies vulnerabbli għandhom jibqgħu miġbura fid-djar tagħhom b'effett minn nhar is-Sibt, 28 ta' Marzu 2020.

## Min huma n-nies vulnerabbli?

**Dawn huma:**

- Persuni ta' **aktar minn 65 sena**;
- Persuni li huma **dijabetiċi fuq l-insulina**;
- Persuni li qegħdin fuq **mediċina 'biological'**;
- Persuni li kellhom **kanċer f'dawn l-aħħar 6 xhur**;
- Persuni li għandhom **'imune supression'**;
- Persuni li qegħdin fuq **'dialysis'**;
- Nisa li huma **tqal**;
- Persuni li għandhom **mard respiratorju** u fl-aħħar **6 xhur daħlu l-isptar;**
- Persuni li għandhom **mard tal-qalb** u fl-aħħar **6 xhur daħlu l-isptar**;
- Persuni **b'mard tal-qalb** li kellhom bżonn **intervent kirurġiku** fl-aħħar 6 xhur;
- Persuni li jmorru **l-klinika tal-'heart failure'**;
- Persuni li qegħdin fuq **'oral steroids'**.

# Japplikaw eżenzjonijiet?

**Iva**, **jeżistu eżenzjonijiet** għal dawn in-nies milquta b'din il-miżura.

Dawn japplikaw fejn hu **neċessarju għalihom** li joħorġu mir-residenza tagħhom biex:

**i)** Jattendu **appuntamenti mediċi** jew jirċievu xi **forma ta' kura** jew **trattament mediku**;

**ii)** Jixtru **ikel**, **mediċinali** u **neċessitajiet** oħra;

**iii)** Jattendu ħtiġijiet personali li huma **assolutament essenzjali** jew **urġenti**.

Il-persuna vulnerabbli, fil-ħin illi toħroġ barra mid-dar tagħha għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, għandha tassigura li **ma ddumx aktar milli meħtieġ** u wkoll illi tobdi d-direttivi tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika dwar **'social distancing'**.

# Hemm eżempji ta' ħtiġijiet personali urġenti?

Dawn jinkludu, fost oħrajn:

- Persuna vulnerabbli li f'okkażjoni jeħtieġ **tidħol xogħol essenzjali għal ħin limitat**;

- Persuna vulnerabbli li jeħtieġ **teżerċita l-aċċess favur uliedha** skont ordni ta' Qorti kompetenti;

- Persuna vulnerabbli li **jeħtieġ titma' u tikkura l-annimali tagħha** li jistgħu jkunu **jinsabu f'post ieħor li mhux id-dar tagħha**;

- Persuna vulnerabbli li **jeħtieġ tmur il-Bank**.

# Nies li jgħixu fl-istess dar ma' nies vulnerabbli, huma milquta wkoll b'din il-miżura?

Jistgħu jmorru biss **ix-xogħol**, jagħmlu **xiri essenzjali**, jattendu għal **appuntamenti mediċi** u **jeżerċitaw l-aċċess favur uliedhom skont ordni ta' Qorti kompetenti**. Naturalment, jibqgħu jgħoddu għalihom dawk il-miżuri kollha kif diġa mħabbra mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u li jgħoddu għall-pubbliku b'mod ġenerali.

# Hemm min hu persuna vulnerabbli u jista' jiġi kompletament eżentat minn din il-miżura?

**Iva**

- Persuni vulnerabbli li jaħdmu **fil-qasam tas-saħħa**;
- Persuni vulnerabbli li huma **f'pożizzjonijiet ta' tmexxija f'oqsma essenzjali**.

# Il-persuni vulnerabbli li jintlaqtu b'din il-miżura, jistgħu jibbenefikaw mill-miżuri finanzjarji diġa mħabbra mill-Gvern?

**Iva**, jgħoddu għalihom l-istess miżuri.

# Kemm ser iddum fis-seħħ din il-miżura?

Il-miżura tibqa' fis-seħħ **skont l-aġġornamenti ta' kuljum relatati mal-COVID-19** tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika **bbażata fuq riċerka xjentifika** u sakemm ma jkunx hemm avviż xort'oħra.